**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 398/2013 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Peter Grima**

**Illum 31 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Peter Grima detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 547681M

Akkuzat talli fis-27 ta' Marzu, 2013, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00 hrs) u fil-hinijiet ta' qabel, gewwa Haz-Zebbug u f'dawn il-gzejjer, dolozament, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed f'periklu car il-hajja ta' Waynelin Baldacchino ID 559890M, ikkagunalu feriti ta' natura gravi hekk kif certifikat minn Dr. Edward Cherubino M.D. 3370;

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ingurja jew hedded lil Mary Spiteri ID 426464M u Waynelin Baldacchino ID 559890M jew jekk kien ipprovokat, ingurjahom b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volonatarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

U aktar talli b'hekk titqies recidiv b'sentenza datata 26 ta' April, 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan ai termini tal-Aritkolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija mitluba meta jidhrilha xieraq biex tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 18 t'Ottubru, 2016 quddiem dak iz-zmien, illum irtirat Magistrat Dr. Anthony Micallef Trigona.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-22 t'April, 2013, current incident report datat 27 ta' Marzu, 2013, fedina penali tal-imputat, certifikat mediku rilaxxjat lil Waynelin Baldacchino mmarkat bhala Dok KB1, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok KB2, sentenza fil-konfront ta' Peter Grima datata 26 ta' Mejju, 2011 mmarkata bhala Dok KB3, sentenza fil-konfront ta' Peter Grima datata 26 ta' Mejju, 2011 immarkata bhala Dok KB4, sentenza fil-konfront ta' Peter Grima datata 26 ta' Mejju, 2011 immarkata bhala Dok KB5, sentenza fil-konfront ta' Peter Grima datata 26 ta' Mejju, 2011, immarkata bhala Dok KB6, sentenza fil-konfront ta' Peter Grima datata 26 ta' Mejju, 2011 immarkata bhala Dok KB7.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil WPS 86 Diane Fenech, Waynelin Baldacchino, Mary Spiteri, Ex-Spettur Roderick Zammit, Dr. Edward Basile Cherubino, Dr. Mario Scerri, Charlot Sammut.

**WPS 86 Diane Fenech**, tispjega li fis-27 ta' Marzu, 2013 kienet marret gewwa Triq l-Indipendenza, Haz-Zebbug peress li kien hemm argument bejn Peter Grima u Waynelin Baldacchino u dan minhabba li kien hemm warden li kienet qed tirraporta lil Waynelin Baldacchino minhabba li kellu vettura bla number plate u Waynelin Baldacchino rrimarka li anke Peter Grima kellu karru tal-imqaret ipparkjata bla number plate, u ghaldaqstant beda' l-argument.  WPS 86 tispjega li meta marret fuq il-post, l-argument

kien waqaf u sabet tnejn minn nies li raw kollox izda ma setghux jghidulha min beda l-argument. Minn naha taghha, WPS 86 harget charges fil-konfront ta' Peter Grima u Waynelin Baldacchino.

**Waynelin Baldacchino**, jispjega li fis-27 ta' Marzu, 2013 kien ipparkja quddiem id-dar tieghu sabiex jidhol ibiddel il-flokk u johrog ma' familtu. Kien hemm warden li gibditlu l-attenzjoni li n-number plate tal-karozza tieghu tan-naha ta' quddiem kienet fuq id-dashboard u mhux imwahhla kif suppost mal-vettura. Ghalhekk, Waynelin Baldacchino nformaha li hemm karru li jkun ipparkjat dejjem fl-istess post u ma ghandux number plate lanqas. F'dak il-mument, hareg Peter Grima minn gol-gallerija, u li huwa sid il-karru u saqsa b'mod vulgari lil Waynelin Baldacchino jekk kienx qed idejqu l-karru tieghu. Waynelin Baldacchino ma rrispondihx, dahal gewwa r-residenza tieghu biex ibiddel il-flokk u hekk kif hareg, sab lil Peter Grima jistennih. Peter Grima rega' saqsih jekk il-karru kienx qed itih fastidju u Waynelin Baldacchino wiegbu li ma kienx qed itih fastidju izda mhux sew li kien qed jahli parking fit-triq. Dak il-hin, Peter Grima beda jfajjar daqqiet u habbat lil Waynelin Baldacchino mal-hajt. Waqt dan l-argument kien hemm it-tfajla ta' Waynelin Baldacchino kif ukoll it-tifel tieghu ta' sentejn fil-karozza tieghu li raw kollox. Kien hemm xi haddiema faccata fit-triq li kif raw l-argument, gew biex izommu lil Peter Grima. Jghid li ommu cemplet ghall-ambulanza u hu rega' dahal id-dar. Kif giet l-ambulanza huwa mar l-isptar Mater Dei. Dak inhar stess, Waynelin Baldacchino gie rilaxxjat izda peress li kellu subghajh tan-naha tal-lemin miksur, kellu jerga' jmur l-isptar wara sitt gimghat biex it-tobba jaraw jekk kellux bzonn jigi operat. Jispjega li xoghlu huwa delivery man bil-mutur u ghalhekk, sakemm dam b'subghajh miksur, ma setax isuq.

**Mary Spiteri**, tghid li tigi omm Waynelin Baldacchino u tghix fi blokka flat ta' tnejn u hi toqghod fil-flat A u Peter Grima joqghod fil-flat B. Tghid li rat lil Waynelin Baldacchino jasal bil-karozza tieghu, d-dar mat-tfajla u t-tifel tieghu u dahal god-dar biex igib xi haga. Waynelin Baldacchino nforma lil Mary Spiteri li l-gar taghhom xtaq ikellmu u Mary Spiteri qaltlu biex ma jkelmux ghaliex kien hemm argument iehor bejniethom. Meta Waynelin Baldacchino ha dak li kellu jiehu minn god-dar u hareg biex jerga' jirkeb il-vettura tieghu, Peter Grima nizel ikellmu u fil-pront qabad jaghti lil Waynelin Baldacchino. Mary Spiteri rat li kien hemm xi haddiema faccata t-triq u ghajtet sabiex

jigu jghinuha jferqu lil Peter Grima u lil binha.  Wara li l-haddiema firduhom, Mary Spiteri dahlet lil Waynelin Baldacchino gewwa d-dar u cemplet ghall-ambulanza u l-pulizija.  Marru l-isptar Mater Dei u dak inhar stess, Waynelin Baldacchino gie rilaxxjat. Huwa sofra minn ksur f'subghajh u kellu gibs imdawwar ma subghajh.  Huwa dam erba' gimghat ma jmurx ghax-xoghol minhabba li huwa delivery person u ma setax isuq.

**L-ex-Spettur Roderick Zammit**, jghid li kien Spettur stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug u kien investiga dan il-kaz li kien rigward allegat glieda u kkonferma li kien hu li ha l-istqarrija lill-Peter Grima.

**Dr. Edward Basile Cherubino**, huwa tabib prattikanti gewwa d-Dipartiment tal-Emergenza gewwa l-isptar Mater Dei.  Jikkonferma li fis-27 ta' Marzu, 2013 huwa ezamina lil Waynelin Baldacchino u hareg certifikat mediku.  Jispjega li Waynelin Baldacchino kellu ksur f'subghajh u dam xi sitt gimghat biex fieq minn din l-ingurja. Waynelin Baldacchino kellu anke brix fuq mohhu, imniehru u l-warda ta' wiccu kollha fuq in-naha tal-lemin.  Dr. Cherubino kklassifika l-ksur bhala griehi ta' natura gravi izda l-brix fuq il-wicc ikklassifikhom bhala ta' natura hafifa.

**Dr. Mario Scerri**, jghid li fuq inkarigu tal-Qorti, nhar it-23 ta' Frar, 2017 huwa ezamina lil Waynelin Baldacchino fejn dan tal-ahhar kien allega illi fis-27 ta' Marzu, 2013 kellu argument ma Peter Grima u wara dan l-argument, kellu jittiehed l-isptar.  Dr. Scerri, ra l-x-rays u r-records ta' Waynelin Baldacchino li kienu jinstabu l-isptar Mater Dei. Waynelin Baldacchino nforma lil Dr. Mario Scerri li kellu ksur fl-ewwel subgha tal-id il-leminija, izda Dr. Mario Scerri wara li ezamina l-x-rays sab li kien hemm fratturi anke fit-tieni u t-tielet metacarpal bones fuq incident li kellu qabel.  Waynelin Baldacchino ghandu cikatrici fuq il-pala ta' idu izda m'huwiex relatat ma dan il-kaz.

**Charlot Sammut**, jahdem fil-kostruzzjoni u cioe' jkisser u jirranga t-toroq Maltin.  Jghid li xi ftit snin ilu, kien qieghed xoghol gewwa triq f'Haz-Zebbug meta sema' xi ghajjat u x'hin dar biex jara x'kien dan l-ghajjat, ra zewgt irgiel jiggieldu u hu u shabu marru jferrqu dawn iz-zewgt irgiel.  Wiehed minn dawn l-irgiel kien Peter Grima.  Ma ra lil hadd minn dawn l-irgiel b'xi haga f'idu u ma jiftakarx li ra lil xi hadd b'xi demm f'wiccu

jew fuq il-persuna taghhom. Jiftakar biss li ferraq lil dawn iz-zewgt irgiel u rega' qasam it-triq biex ikompli fuq xoghlu.

Rat li l-Qorti kif presjeduta bdiet tisma' l-kawza odjerna mis-16 ta' Novembru, 2017 u dan minhabba li l-Qorti kif diversament presjeduta, irtirat biz-zmien.

Inoltre, fl-istess seduta tas-16 ta' Novembru, 2017, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' ttella' u tisma' x-xhieda u l-provi kollha li ngabru sa dak inhar tas-seduta.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata dsatax (19) ta' Dicembru, elfejn u sbatax (2017) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii), 216(1)(b), 216(1)(d), 216(2), 218(1)(a), 218(1)(b) u 218(2), u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tas-6 ta' Dicembru, 2018 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Rat li fil-verbal tal-20 ta' Gunju, 2019, l-imputat iddikjara li mhux se jixhed u d-Difiza ghalqet il-provi taghha.

Semghet it-trattazzjoni mid-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Waynelin Baldacchino li huwa l-parte civile f'dan il-kaz kien ghamel rapport mal-Pulizija li fis-27 ta' Marzu 2013 sefa aggrediet mill-imputat Peter Grima gewwa Haz-Zebbug.

Skont il-verzjoni tieghu kien inqala' argument minhabba li huwa kien wera d-dizappunt tieghu ma' warden wara li qala kontravenzjoni minhabba li ma kellux il-pjanca tar-registrazzjoni tal-vettura tieghu mwahhla. Huwa kien qal lill-warden li kien hemm karru li kien qieghed jiehu spazju ta' vettura u ma kellux pjanci mwahhla. Dan il-karru kien tal-imputat u meta l-imputat sema' x'qal Waynelin Baldacchino irrispondieh b'mod vulgari. L-argument skala meta l-parte civile harget minn gewwa r-residenza taghha u kien hemm jistennieh l-imputat. Meta l-parte civile pruvat tispjega u dan skont ma qal hu, Peter Grima beda jaghtih minghajr ma lahaq spicca x'kellu x'jghid. Kagun ta' din l-aggressjoni kien spicca l-isptar fejn gie ccertifikat li sofra griehi gravi minhabba ksur f'subghajh u anki kellu xi griehi hfief fuq wiccu.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni - (Ferita ta' Natura Gravi)**

In-noti tal-Professur Mamo, pagna 227-'Notes on Criminal Law (Laws II Year)' jghid is-segwenti dwar feriti fuq il-persuna-

> "… *Our Code (Section 229) distinguishes bodily harm into grievous and slight. But, we shall see, grievous bodily harm into harms of various degrees of gravity, though not called by any different names …"*

Illi taht l-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna ferita ta' natura gravi. Illi minn naha tal-*parte civile* ma tax spjegazzjoni kif sehhew il-griehi f'idejh. Illi kull ma qal kien is-segwenti fid-deposizzjoni tieghu, il-*parte civile* fisser hekk (a fol 55):-

*"… sakemm spiccajt il-kelma qabad ixxejjirli d-daqqiet, habbatni mal-hajt u 'l hemm u 'l hawn."*

Imbaghad qal:-

*"… jiena dhalt il-gewwa. Baqa' jghajjat maghna, qasam it-triq u baqa' jghajjarna…mort l-isptar"*

Illi mill-atti processwali u minn dak mismugh mill-Qorti, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat gie fl-idejn mal-parte civile. Dak li trid tara l-Qorti huwa jekk b'dak li ghamel l-imputat fil-konfront tal-parte civile, sofriex xi griehi, u jekk dawn il-griehi kienux ta' natura hafifa jew gravi.

Il-griehi li gew sofferti mill-parte civile gew ikkonstatati ftit hin biss wara l-incident minn Dr. Edward Cherubino. Meta xehed huwa kien ezamina lil Waynelin Baldacchino fis-27 ta' Marzu 2013 fejn ikkonstata li kien hemm ksur fil-*base* tal-ewwel *metacarpal* li

huwa s-subgha l-kbir li giet klassifikata bhala griehi ta' natura gravi. Kien hemm ukoll barxa fuq mohhu kif ukoll fuq imniehru li gew klassifikati bhala griehi ta' natura hafifa. Minkejja dan skont ic-certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Cherubino il-ferita giet kklassifikata li l-griehi sofferti minhabba l-ksur mill-parte civile kienu ta' natura gravi. Illi pero din il-Qorti m'hijiex pjenament konvinta dwar dan. Illi l-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> *"Hi zbaljata l-idea, spiss ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiza fuq il-persuna hemm bzonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depozizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depozizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depozizzjoni ta' xhieda oħra, inkluzi l-parti offiza, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiza".*

Il-Qorti wara li rat il-provi u qieset ix-xhieda tal-parte civile kif ukoll ta' Charlot Sammut u Rita Spiteri, hija konvinta, kif gia` nghad, illi l-griehi fuq il-parte civile, kienu gew inflitti meta kien gie aggredit mill-imputat.

Ghandu jinghad li ghalkemm din il-Qorti hija konvinta li l-parte civile sofra griehi, irid jigi kkonstatat jekk fil-fatt dawk il-griehi humiex ta' natura gravi jew le. Il-Qorti diversament preseduta kienet hatret lil Dr. Mario Scerri sabiex jezamina lil parte civile pero dan kien gie ezaminat fi Frar tas-sena 2017. Illi Dr. Mario Scerri meta xehed f'dawn il-proceduri qal b'mod car li kien sab tracci ta' ksur ohrajn fl-id li kienu kagun ta' ncident iehor li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dan il-kaz. Illi minn dak li qal (a fol 114) li "il-funzjonijiet tas-swaba huma preservati" u ghandu jinghad li skont il-konkluzzjoni tal-istess rapport (a fol 126) l-espert mediko-legali mahtur mill-Qorti, Dr. Mario Scerri, qal:

> *"2. Illi mir-records tal-isptar m'hemmx indikazzjoni illi dan garrab frattura tal-ewwel subgha tal-id il-leminija izda sab evidenza ta' fratturi antiki tat-tieni u t-tielet metacarpal bones meta dan kien involute f'incident tat-traffiku qabel dan l-incident in kwistjoni".*

Fl-assjem tal-provi u l-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni li l-parte civile sofra griehi gravi fuq subghajh hekk kif gie certifikat. Illi wara li din il-Qorti rat ukoll il-case history li gew esebiti fl-atti mar-rapport tal-mediko-legali (Dok MS 1 a fol 129) juri bic-car li ttiehdet X-Ray fl-24 t'April 2013 u ma jindikax li kien hemm ksur fil-*1st metacarpal right hand* izda hareg li kien hemm fis-*second u third metacarpal bone.* Illi skont ma' qal l-istess Dr. Mario Scerri fir-rapport

tieghu jindika li dawn iz-zewg fratturi kienu sehhew qabel il-kwistjoni li kien hemm bejn l-imputat u l-parte civile. Illi fir-rapport u anki mill-istess xhieda ta' Dr. Mario Scerri ma jirrizultax li l-griehi sofferti minhabba l-ksur kellu xi debulezza permanenti f'idejh.

F'dar-rigward huwa interessanti dak li ntqal fis-sentenza Il-**Pulizija v. Joseph Azzopardi** mogħtija minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni inferjuri tagħha fit-30 ta' Lulju 2004 fejn qalet hekk:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l- imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l- opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

Illi wiehed irid jiftakar illi mhux kull dubju huwa dubju ragjonevoli u f'dan il-kaz il-Qorti temmen dak li qal il-parte civile f'dan il-kaz. Illi minn naha tal-imputat huwa ghazel li ma jixhidx ghalhekk din il-Qorti trid tistrieh fuq ix-xhieda kemm tal-parte civile kif dawk il-persuni ohrajn li raw l-akkadut.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer** (Deciza fil-5 ta' Dicembru 1997) , gie ribadit illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju, ghaliex id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, kif ghamlet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena msemmija, iccitat dak li qal **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** (27 1974 - 2 ALL ER 372) tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

**Ikkunsidrat;**

Madanakollu, wara li din il-Qorti qieset bir-reqqa x-xhieda, specjalment tal-espert mahtur u cioe Dr Mario Scerri, il-Qorti filwaqt li hija konvinta dwar dak li gara li kien hemm glieda fejn l-imputat hebb ghal *parte civile*, pero ma tistax tasal ghall-istess konkluzzjoni li l-parte civile sofra griehi gravi f'subghajh. Huwa minnu li gie certifikat mill-ewwel tabib li ezaminah li wasal ghal konkluzjoni li kien hemm ksur fis-subghajn il-kbir pero din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li fil-case history ma kien hemm xejn x'jindika li kien hemm ksur. Illi fil-fatt din il-Qorti rat ukoll dak li qal Dr. Mario Scerri fejn sab li kien hemm ksur li sar qabel il-kaz u halla tracca izda fejn gie allegat li kien hemm ksur minhabba l-aggressjoni ma kien hemm ebda sinjali ta' ksur.

Illi biex din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni hadet qies tal-fatt illi kif fisser il-parte civile nnifsu, pero aktar ta' dak li qal l-istess mediko-legali mahtur f'dan il-kaz. Illi ghalkemm il-*parte* civile jghid "*ghamilt qisu sitt gimghat b'kollox. Ghax kien miksur imma riedu jaraw kif ha mmur ghax setghu joperawni wkoll*" (a fol 57). Illi kompla jghid (a fol 58) meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk uzawx il-gibs minhabba l-ksur qal "*Iva. Mhux gibs essagg, go…"*

Illi minn dan kollu li huwa qal li anki seta jigi operat minhabba l-ksur lanqas ma deher fir-records. Li kieku kif deskritt mill-*parte civile* dak li sehh li seta' jigi operat allura kien ikun hemm il-ksur li se jhalli dawk it-tracci bhal ma hallew fratturi ohrajn fuq is-swaba ta' idejh rizultat ta' incident iehor li kien sehh qabel il-kaz.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma jirrizultaliex sodisfacentement pruvat li gew kagunati griehi ta' natura gravi fuq il-parte civile pero jirrizultalha li gew kagunati biss griehi ta' natura hafifa u abbazi tal-principju il piu' comprende il meno, il-Qorti jidrilha li

ghandha tinstab htija tal-imputat talli kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-parti leza u dan taht l-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kontravenzjonijiet – L-akkuzi numru 2 u 3**

Illi rigward t-tieni u tielet akkuza fil-konfront tal-imputat huma ta' natura kontravenzjonali ghal dak li hemm fl-artikoli 339(e) u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jinghad ai termini tal-artikolu 694 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> *"Il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti ex officio, u l-imputat jew akkużat ma jistax jirrinunzja għaliha."*

Huwa palezi li dawn huma lkoll kontravvenzjonijiet li fit-termini tal-artikolu 688(f) huma kolpiti bl-ostakolu tal-preskrizzjoni bl-gheluq ta' tlett xhur (naturalment sakemm ma jkunx hemm element tal-kontinwat li mhux il-kaz fil-kwistjoni odjerna). Dak li din il-Qorti issa jehtieg li tezamina hu jekk fil-fatt kienx hemm it-trapass ta' dan il-perjodu mill-kummissjoni tal-kontravvenzjonijiet sakemm tressaq biex iwiegeb ghalihom. Illi l-kaz sehh fis-27 ta' Marzu 2013. Illi skont il-verbal tal-ewwel seduta li sehhet fit-22 t'Ottubru 2013, jidher li l-imputat ma kienx notifikat bic-citazzjoni kontra tieghu. Illi minhabba f'hekk giet differita l-kawza kontra tieghu ghal 4 ta' Frar 2014 fejn ukoll f'din id-data rega' ma giex notifikat bic-citazzjoni. Kien biss fit-tielet seduta li saret fit-3 ta' Gunju 2014 l-imputat kien notifikat li skont ir-riferta jidher (ghalkemm mhux car) li gie notifikat fis-7 ta' Frar 2014.

Illi dawn iz-zewg akkuzi huma kif inghad ta' natura kontravenzjonali u ghalhekk jidher bic-car li meta sar ir-rapport u cioe' fis-27 ta' Marzu 2013 kienu ghaddew aktar minn tlett xhur minn meta sehh l-accident sakemm gie notifikat bic-citazzjoni li sehhet fis-sena 2014. Illi ghalhekk skont l-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzi numri (2) u (3) huma preskritti.

**L-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jitkellmu dwar ir-recidiva u l-effett taghha u f'dan il-kaz ir-recidiva hija reat u akkuza per se u ghalhekk titlob li tingieb l-ahjar prova sabiex jigi zgurat li persuna tinstab htija jew le skont il-kaz. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Abela Paul**" moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali

(Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*
> *Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawza gew esebiti kopji legali ta' diversi sentenzi fejn kien gie ikkundannat ghal hlas ta' ammendi u multa meta gie misjub hati. Illi f'dan il-kaz skont ma' hemm fis-sentenzi esebiti jidher b'mod car li qieghdin jaghmlu referenza ghall-istess persuna li qieghda tigi akkuzata f'dawn il-proceduri. Illi ghalhekk imiss jekk f'dan il-kaz is-sejbien ta' htija li kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Waynelin Baldacchino jekk tistax tigi applikata r-recidiva. L-artikolu 49 jghid espressament li:

> *(1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat,* ***tagħmel reat ieħor****.*

Illi f'dan il-kaz l-imputat Peter Grima instab hati li kkaguna feriti hfief fuq il-persuna tal-parte civile kif inghad hawn fuq. Id-diversi sentenzi esebiti juri li l-imputat kien gie misjub hati fis-26 ta' Mejju 2011 fejn kien gie ikkundanat ihallas multa u ammendi fid-diversi sentenzi esebiti. Illi ghalhekk fuq dal li jghid l-artikolu 49 jekk persuna tkun giet

ikkundannata ghal reat u terga' taghmel reat iehor, tigi misjuba hatja ta' recidiva jekk jigi pruvat. Illi mis-sentenzi esebieti juri bic-car li l-imputat kien gie misjub hati u ghalhekk tali sentenza saru definitivi. Illi fuq dak li jghid l-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minn dak li hemm fis-sentenzi esebiti, din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat Peter Grima hati talli rrenda ruhhu recidiv ai terminu tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk jibqa' dak li hemm fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-effett tar-recidiva f'delitt. Illi f'dan il-kaz l-artikolu 50 jghid:

> ***50.*** *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Kif inghad hawn fuq, il-bicca l-kbira tas-sentenzi kienu rigwardaw hlas ta' ammendi u mhux multi. Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghal dawk l-ammendi izda ghal dak li hemm f'dok KB 4 a fol 83 fejn l-imputat wehel multa ta' 2484 Euro u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara dwar dak li hemm fl-artikolu 50 u f'dan il-kaz sabiex japplika dak li hemm f'dan l-artikolu f'kull kaz il-persuna trid tkun skontat il-piena taghha. Dak li hemm fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhalliex alternattiva lill-Qorti hlief li taghti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tieghu u cioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 ghall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx giet mhallsa, jew konvertita fi prigunerija li tigi skontata u ghalhekk trid issir il-prova li tali multa kienet thallset mill-imputat. Illi ghalhekk jekk fil-kaz li ma jirrizultax li l-piena tal-multa tkun giet imhallsa l-awment fil-piena minhabba r-recidiva ma japplikax. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma jistax isir zieda fil-piena minhabba recidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-26 ta' Mejju 2011 peress li ma jirrizultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet giet mhallsa jew gie skontat xi perjodu ta' prigunerija minflok dik il-multa.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii), 216(1)(b), 216(1)(d), 216(2), 218(1)(a), 218(1)(b) u 218(2), u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx l-imputat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuzi u minnhom tilliberah stante li preskritti, ssibu hati ta l-ewwel (1) imputazzjoni kwantu ma ssibux hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Waynelin Baldacchino izda ssibu hati tar-reat kompriz u nvolut li kagguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Waynelin Baldacchino, tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Waynelin Baldacchino rabtet lill-hati b'garanzija personali a favur tal-istess Waynelin Baldacchino taht penali ta' elf euro (€1,000) u dan ghal zmien ta' tnax-il xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati jekk jikser l-obligazzjoni fuqu imposta a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**